KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 48 - 2016

Data: 18 ta' April 2016

Hin: 2.15 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*
Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 47/2016;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
5. Bye Law – Mġarr ix-Xini;
6. Gazzetta informattiva;
7. Il-Permessi tal-Festa ta’ Sta. Margerita;
8. Korrispondenza;
9. Ilmenti u Suġġerimenti;
10. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
11. Aġġornament.

# Minuti – 48 - 2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 47 – 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 47 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Approvazzjoni tal-Minuti 47-8

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Vote 16 bagħat iċ-ċertifikat ffirmat minn l-Onor Stefan Buontempo Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali lill-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Ms Kasy Mercieca tal-aċċetazzjoni tal-kariga. Dan ġie ffirmat minnha u mis-Sindku u ġie mogħti lilha. Kopja ta dan iċ-ċertifikat ser jinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Ammbaxxatriċi

**2.2** Dwar Jum Sannat is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li n-nominazzjonijiet għal Premju Ġieh Sannat għalqu nhar it-Tnejn 4 ta' April 2016 f'nofsinhar u l-Kunsill Lokali irċieva biss nomina waħda. Is-Segretaju Eżekuttiv qal li hu kien informa lill-bord maħtur apposta għal dan dwar dan u l-bord qabel li dan il-Premju għandu jingħata lil din il-persuna wara li evalwaw din l-applikazzjoni. Dan il-premju ser jingħata waqt is-serata li ser titelgħa apposta fl-okkażjoni ta' Jum Sannat nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016 fit-8.00 p.m. fis-sala tal-iskola primarja.

Jum Sannat / Premju Ġieh Sannat 2016

**2.3** Dwar l-ittra li nbtgħatet mid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern dwar raba' f' Ta' Marziena, Triq 28 ta' April 1688, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu għadu qed jistenna kopja tal-korrispondenza li kienet intbgħatet fl-2002 biex il-Kunsill ikun informat eżatt x'kien talab dakinhar.

Dipt. tal-Artijiet

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xogħol fuq it-twessieħ tal-bankina ta' Triq Dun Luqa u biex isir is-central strip Ta' Ċenċ Junction kif maħruġ minn Transport Malta. Għandu jsir avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar dan.

Ta' Ċenċ Junction

**3.2** Is-Sindku qal lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv talab l-kont lill-Kuntrattur għax-xogħol li sar f'parti mit-Triq ta' Mġarr ix-Xini bil-konkos b'impatt ambjentali. Is-Sindku qal li l-Perit sab xi varjazzjoni fl-għoti ta' din it-triq. Dwar dan għandu jiġi mitlub il-Perit biex jgħati spjegazzjoni fid-dettal ta' dan.

Kont Mġarr ix-Xini

**3.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq l-istorm water culvert ta' Triq tal-Gruwa ssa beda. Mill-Kalkara tal-Gir 'l isfel ser jiġu nstalli katusi ta' 600 mm barra dawk li saru diġa tal-400 mm. Quddiem ir-residenti minflokk ma ġew installati katusi tal-400 mm qed jinbena culvert bil-bricks u dan ser ikun wiesa' 600 mm. Rigward il-water catchment is-Sindku

Tal-Gruwa Storm Water Culvert

ssuġġerrixxa li jsiru tappieri għal ilma tax-xita l-wisa' kollu ta triq. Hu qal li ġie mitlub biex isir lqugħ għal ġbir tal-ilma tax-xita għal xi ħames ġwiebi tal-bdiewa li hemm fl-egħlieqi f'din it-triq. Il-Kunsilliera Cassar Sultana reġgħet qajmet il-punt biex f'din it-triq, fil-kantuniera fejn hemm il-kappara titwessa. Is-Sindku qal li peress li l-water culvert f'din il-kantuniera ser idur awtomatikament ser titwessa din il-parti tat-triq, barra dan saret talba lil Enemalta dwar arblu tad-dawl biex jiġi trasferit f'post iktar il-ġewwa. Hi semmiet ukoll Triq ix-Xewkija fil-kantuniera qabel iċ-Ċimiterju Ta' Sannat li din għandha titwessa ukoll fil-kantuniera għaliex hi ta' periklu għas-sewwieqa u għal kull minn ikun miexi fit-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Transport Malta dwar dan. Is Sindku semmha ukoll biex fil-wesgħa ta' Triq tal-Gruwa fuq in-naħa tal-blata fejn hemm żewġ bankijiet issir bankina. Dan biex f'dan is-sit isir tibdil għal ambjent aħjar lir-residenti ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

Twessieħ ta' Triq ix-Xewkija

Tisbieħ fi Triq tal-Gruwa

**3.4** Is-Sindku qal li attenda għal Local Council Heats and Finals organizzata mill-Gozo Horse Racing Association dan wara li kien sar qbil li mill-Kunsill joħroġ l-ammont ta' €150. Hu qal li kien hemm Kunsilli Lokali oħrajn u ħafna nies li attendew għal dan l-avveniment.

Gozo Horse Racing Ass.

**3.5** Is-Sindku qal li dwar ir-referendum fuq l-applikazzjoni għand il-MEPA b'Nru. PA 05277/96 (To develope Ta' Ċenc area into Malta's first 'Heritage Park' and 'Multi-ownership tourist hotel development' at Ta' Cenc – Ta' Sannat, hu kellhu laqgħa apposta mall-Kummissarju Elettorali nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu fis-2.30 p.m. Miegħu attenda wkoll l-Avukat tal-Kunsill Dr Larry Formosa u qal li l-Kummissarju taħ il-pariri tiegħu dwar dan. Fosthom li jekk dan isir fil-binja tal-Kunsill, l-uffiċċju jrid ikun magħluq għal pubbliku u għalhekk għandu jintalab l-permess lid-DLG biex l-uffiċċju jkun magħluq dakinhar anke l-librerija lokali li tinsab fl-istess bini u qal li qallu li jkun hemm bżonn tal-Pulizija. Il-Kunsill ser iżomm id-data ta nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2016, mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. biex dakinhar isir dan ir-referendum. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra dettaljata lir-residenti dwar dan ir-referendum biex in-nies toħroġ tivvota biex b'hekk il-Kunsill ikollu pożizzjoni.

Referendum dwar applikazzjoni tal-MEPA dwar żvillup Ta' Ċenc

**3.6** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mall-W.S.C. dwar id-devoluzzjoni tal-pompa tal-ilma fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Hu qal li dawn lesti li jirrilaxxaw din il-propjeta mitluqa lid-Dipartiment tal-Artijiet peress li dawn ma għadx jgħamlu wżu minnha. Dwar din l-art l-Avukat tal-Kunsill għandu jikteb ittra lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar id-devoluzzjoni biex din tiġi f'idejn il-Kunsill. B'hekk il-Kunsill jkun jista jakwista din l-istruttura u jkun jista japplika għal fondi ewropej biex din tkun tista tiġi rrestawrata kif jixirqilha.

Devoluzzjoni tal-pompa fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini

**3.7** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu nfurmat li MGOZ ħareġ sejħa għal offerta Nru. MGOZ T18/2016 għal kisi bil-konsos ta' Triq Mġarr ix-Xini f'Ta' Sannat u li din l-offerta tgħalaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' April 2016. Is-Sindku qal li l-Kunsill lanqas biss qatt ma kien infurmat xejn dwar dan ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li fi Triq Ta' Ċenċ quddiem il-Hotel Ta' Ċenċ beda x-xogħol fuq ir-roundabout u ser jingħata tarmak ġdid fejn il-Kunsill kien talab dan fl-aħħar laqgħa li kienet saret apposta mall-Ministru għal Għawdex dwar diversi materji fid-19.12.2014, fejn is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill lanqas biss kien ikkonsultat bil-pjanta ta din il-pjazzetta. Is-Sindku

Xogħolijiet mill-Ministeru għal Għawdex – Triq Mġarr ix-Xini u Pjazzetta ta' quddiem il-Hotel Ta' Ċenċ

qal li hu jirringrazzja lil Ministeru għal Għawdex għal dawn ix-xogħolijiet imma l-Kunsill għandu jiġi nfurmat meta jkunu ser jibdew xogħolijiet simili f'dan ir-raħal.

**3.8** Is-Sindku ssugerixxa lill-Kunsill li fil-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini għandha titwaħħal tabella ta' Merħba għall-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment. Merħba sign – Mġarr ix-Xini

**3.9** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li twaħħlu 18 il-bozza ġdida li kienu ordnati f' Ta' Sannat u li ssa jonqos biss li jingħata d-dawl. Bozzoz ġodda

**3.10** Is-Sindku qal li saret laqgħa mitluba mill-Gozo Climbing Association dwar climbing fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Gozo Climbing Ass.

**3.11** Is-Sindku fakkar li saret laqgħa nhar il-Ġimgha 11 ta' Marzu, 2016 dwar il-Burokrazija mall-Onor. Anthony Agius deCelis fejn għal din il-laqgha attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri Maria Cassar Sultana u Margaret Said u tqajjmu punti nteressanti li l-uffiċjal tiegħu ħadet nota tagħhom. Laqgħa dwar il-Burokrazija

**3.12** Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016 dwar ERDF dwar fondi ewropej, fil-Ministeru għal Ghawdex. Hu qal li ssemmew Priority Axis 4 - shifting towards a low-carbon economy u Priority Axis 5 – Protecting our environment – investing in natural and cultural assets. Is-Sindku ddiskuta mall-Kunsill biex minn Axis 4 l-Kunsill japplika għal solar cctv's cameras fl-entraturi tal-lokal u għal trukk u karrozza u minn Axis 5 iddiskuta kif kien semmha fil-bidu tal-laqgħa jkun jista japplika għal xogħolijiet tar-restawr tal-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Hu talab lill-Kunsillieri biex kull min għandu xi ideat oħra jinfurmaħ biex il-Kunsill jiddiskuti dan. ERDF – Axis 4, Axis 5

**3.13** Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Mejju ser issir il-laqgħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki fil-Lukanda Calypso, Marsalforn. Kemm is-Sindku u l-Viċi Sindku nfurmaw lill-Kunsill li ser jattendu għal din il-laqgħa. Laqgħa Sindki u Viċi-Sindki

**3.14** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mall-Headmistress tal-iskola Primarja dwar Jum Sannat fejn sar qbil biex bħas-sena l-oħra l-Kunsill flimkien ma' l-iskola jorganizzaw Field Day fil-grawnd tal-futbol Ta' Sannat, nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2016, fejn ser jiġi provdut ilma, frott u jingħata ktieb ta' tifkira lil kull student. Il-Head flimkien ma' l-Assistant Head tal-iskola talbu lill-Kunsill biex dan jara kif jista jarma rampa f'dan il-grawnd għal persuni bi bżonnijiet speċjali. F'Jum Sannat nhar il-Hamis 28 ta' April 2016 ser isir Quiz bil-parteċipazzjoni tal-istudenti tal-year 6. Waqt din l-attivita' ser jattendi Mons. Anton Mizzi biex ikellem lill-istudenti dwar l-innu l-ġdid Ta' Sannat u għall-ewwel darba ser jitkanta dan l-innu mit-tfal tal-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġa għadda dan l-innu lill-għalliema tal-mużika tal-iskola. Il-Headmistress nfurmat lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li l-iskola ser torganizza 112 Awarness Day, nhar il-Ġimgħa 8 ta' April 2016 filgħodu u talbet l-għajnuna tal-Kunsill billi jipprovdi lill-iskola scrapped car għal waqt din l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu nforma lill-Kunsillieri dwar dan. Laqgħa mall-Kap tal-iskola primarja Ta' Sannat

Il-Head qalet li l-Kumitat tal-Eco Skola talbet ukoll l-għajnuna tal-Kunsill biex jeħlu aktar waste recycling bins fil-grawnd tal-iskola.

**3.15** Is-Sindku qal li ssa r-riforma tal-MEPA ser tinbidel u x'aktarx li r-regolamenti tal-fondi tal-Urban Improvment Funds ser jinbidlu wkoll, hu qal li hemm xi restrizzjonijiet. Jekk dan isir il-Kunsill għandu jipprova biex jekk hu possibli l-Kunsill japplika biex isir l-Sqaq Dun Anastas fi Triq Ta' Ċenċ.

UIF – Sqaq Dun Anastas

**3.16** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu għadu qed jirċievi l-ilmenti mingħand ir-residenti ta' Triq it-28 ta' April 1688 dwar li nofs il-fanali tal-belveder ta din it-Triq għadhom mitfiha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu għadu ma rċieva xejn mingħand Galea Curmi Engineering dwar jekk l-istima li kien preżenta fl-aħħar laqgħa hix korretta. Il-Kunsill qabel li jekk din l-istima hi korretta l-Kuntrattur jista jibda bix-xogħol biex dawn il-fanali jinxtelghu kemm jista jkun malajr.

Fanali fi Triq 28 ta' April 1688

**3.17** Is-Sindku ssuġġerixxa li fuq talba ta' xi residenti l-Kunsill għandu jorganizza kors bażiku fl-użu tal-kompjuter għal adulti mis-Sur Joseph Mizzi, hu qal li dwar il-kompjuters (laptops) il-Kunsill ser jisselef dawn mill-NGO Centre. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-kors.

Kors bażiku fil-kompjuter

## 4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ktejjeb tal-Innu Ta' Sannat li ġie miktub u rregalat minn Mons. Anton Mizzi ġie ppublikat mill-Gozo Press. Il-Kunsill ra dan il-ktejjeb u qal li għandu jitqassam mall-Bulletin tal-Parroċċa bejn il-21 u 22 ta' April 2016 f'kull residenza f'Ta' Sannat. Dan ser jingħata ukoll lit-tfal kollha tal-iskola primarja Ta' Sannat meta ser isir il-kwizz fl-okkażżjoni ta' Jum Sannat.

Ktejjeb Innu Ta' Sannat

**4.2** Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li 2 ħaddiema mill-Community Worker Foundation spiċċaw minn mall-Kunsill. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-mutur tal-qtugħ tal-ħaxix ma għadux jaħdem. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri ieħor u jekk dan li għandu l-Kunsill jitranġa nipruvaw nirranġawħ ukoll.

Haddiema mill-Community Worker Foundation

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nhar is-Sibt 9 ta' April 2016 f'xi l-5.00 p.m. sab wieħed mill-fanali (shade ta' fuq) ta' Triq Sannat miksur fl-art. Dwar dan informa lill-Kuntrattur biex dan jinbidel ma wieħed ġdid. Meta tkellem mall-Kuntrattur u ġie jara fuq il-post dan qallu li l-pole ta' dan il-fanal laqqat xi daqqa minn taħt u jinsab mqaċċat u li dan jista jkun ta' periklu. Il-Kuntrattur qal ukoll li dan il-fanal kien ilu mqaċċat u li kien imsewwi minn xi ħadd qabel għalhekk jista jkun li dan reġa ntlaqat minn xi ħadd u dan instab ma l-art mad-daqqa. Il-Kuntrattur għandu jibgħat stima ta dan il-fanal u x-xogħol biex nevitaw il-periklu. Il-Kunsill qabel ma dan.

Fanal miksur fi Triq Sannat

**4.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu reġa talab lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd il-kontijiet pendenti għal xogħolijiet ta' tarmak tal-kuntratt tal-PPP għal Triq il-Falkun, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano li għal dawn ix-xogħolijiet l-Kuntrattur għadu ma ppreżenta l-ebda kont. Is-Segretarju qal li hu qed jgħamel minn kollox biex il-Kuntrattur jippreżenta dawn il-

Kontijiet PPP

kontijiet biex il-Kunsill jkun jista jibda jħallas. Dawn il-kontijiet iridu jiġu ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill

**4.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab ukoll lill-Said Construction biex jibgħat il-kont ta parti mit-triq ta' Mġarr ix-Xini b'għoti bil-konkons. Dan il-kont ukoll jrid jiġi ċċertifikat mill-Perit. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill ser ikollu jiġi biex jispjega lill-Kunsill xi varjazzjonijiet li kien hemm fil-kont għal din it-triq.

Kont konkos fi Triq Mġarr ix-Xini

## 5. Bye Law – Mġarr ix-Xini

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien iċċirkola dan id-draft ta' din il-Bye Law mħejji mill-Avukat tal-Kunsill dwar il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li għandu jara din il-Bye Law sew.

Bye Law - Mġarr ix-Xini

## 6. Gazzetta informattiva

**6.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġa wasal iż-żmien li l-Kunsill jinforma lir-residenti b'dak ix-xogħol li l-Kunsill qed iwettaq u li wettaq f'nofs din il-legislatura. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti biex jippreparaw artiklu kull wieħed dwar il-qasam tagħhom.

Gazzetta tal-Kunsill

## 7. Il-Permessi tal-Festa ta' Sta. Margerita

**7.1** Il-Kunsill ma ħax deċizjoni sħiħa fuq il-permessi tal-Festa ta' Sta. Margerita għal din is-sena u ser jara x'inhu l-aħjar sal-laqgħa li jmiss.

Permessi tal-festa

## 8. Korrispondenza

**8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Arċipriet Dun Michael Curmi bagħat ittra fejn qed jinforma lill-Kunsill li din is-sena jaħbat il-120 anniversarju mit-twelid tas-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri; surmast tal-mużika, kompożitur u għal xi żmien surmast tal-iskola primarja f'Ta' Sannat. Hu talab li għal dan l-avveniment se jiġi mfakkar b'kunċert bil-biċċiet varji tal-kompozitur stess nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2016 fil-knisja. Hu qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex dan il-Kunċert ikun jista jittella'.

Kunċert tal-120 anniverserju tas-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri

**8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill Lokali rċieva ittra dwar Giochi Senza frontieri – It's a Knockout, it-3 edizzjoni. Il-prezz għal dawn il-logħob divertenti għaż-żgħażagħ fis-sajf hu bħas-sena l-oħra ta' €500. Il-Kunsill għandu jgħażel data jekk jaqbel ma din it-talba. Il-Kunsill għandu jara meta din għandha ssir.

Giochi Senza Frontieri

**8.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li ġie nfurmat li nhar il-11 u 12 ta' Mejju ser jigi mfakkar l'International Awareness Day tal-ME, CEF and Fibromyalgia u li l-Kunsilli Lokali gew mitluba mid-DLG biex jixgħelu Blu jew vjola.

International Awarness Day

**8.4** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Angelo Bonello talab biex il-Kunsill jorganizza Fitness boost session nhar is-Sibt 21 ta' Mejju bejn is-2.00 u l-5.00 pm fil-ground tal-iskola Primarja għal prezz ta' €350. Il-

Fitness Classes Aerobics

Kunsill ma qabilx ma dan peress li r-residenti kienu talbu li jerġu jibdew isiru l-Aerobics classes minn Radu. Il-Kunsill għandu jara meta dawn jistgħu jerġu jibdew.

**8.5** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill fil-MEMO's mid-DLG li kienu ġa ġew iċċirkolati permezz tal-imejl minn qabel. Dawn huma: MEMO's DLG
MEMO 8/2016 VAT u Performance Guarantee
MEMO 9/2016 Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku www.etenders.gov.mt
MEMO 10/2016 Aġenda, Minuti u Skedi ta' Pagamenti

## 9. Ilmenti u Suġġerimenti

**9.1** Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li s-Sur Alex Bajada talab lill-Kunsill biex jgħid lill-Kuntrattur li kien ħadem fil-Bidwi Park għaliex kien tħalla xi ġebel u hu ma jistax jaħdem din l-għalqa. Ilment

## 10. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta' pagamenti Nru. 4/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopji ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti. Pagamenti

## 11. Aġġornament.

**11.1** Il-laqgħa ntemmet fit-3.50 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgha oħra nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-2.00 p.m. Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

***Philip Vella***
*Sindku*

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: